MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 474/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Manoel Briffa**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Jason Manoel Briffa (bin Gaetano Joseph u Aida Maria nee Cunningham, imwieled l-Awstralja fid-9 ta’ Dicembru 1974 u detentur tal-karta tal-identita` nru 121193M) minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta’ Dicembru 2009 li permezz taghha l-imsemmi Briffa instab hati ta’ truffa aggravata u kontinwata bi hsara ta’ Valhmor Galea, serq ta’ cekk bi hsara ta’ Christian Bonello, falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, uzu xjenti ta’ dak id-dokument hekk falsifikat, u li hu recidiv. Hu gie kkkundannat ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija.

**2.** Huwa appella b'rikors prezentat fit-18 ta' Dicembru 2009. L-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jikkontendi li ma kienitx taghmel ghall-kaz. Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010 l-abbili difensur tal-appellant gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li l-istess appellant kien beda kors ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga u anke telghet ufficjal tal-agenzija Sedqa li fissret li f'Jannar tas-sena 2009 l-appellant kien beda dan il-programm u kien gie registrat anke xi kambjament fil-personalita` tieghu. Din il-Qorti, pero`, tinnota li dan il-fatt kienet diga` hadet konjizzjoni tieghu l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, izda kienet irrimarkat li kien ghadu kmieni wisq biex wiehed jaghti lill-imputat il-fiducja li qieghed jitlob. Apparti minn hekk, u kif tajjeb osservat ukoll l-ewwel qorti, hawn ghandna kaz ta' persuna li b'mod manipulattiv ghall-ahhar ghamel hsara lil diversi persuni bir-reati meritu tal-kawza odjerna. Ghandu wkoll fedina penali refrattarja, b'kundanni precedenti ghal truffa u ghal approprjazzjoni indebita, hsara volontarja, offiza fuq il-persuna, nuqqas ta' hlas ta' VAT, kif ukoll xejn anqas minn tnax-il kundanna ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

**3.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti; din il-Qorti addirittura tqis li dana l-appell huwa wiehed azzardat ghall-ahhar.

**4.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------